i

# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 203/2012/1 AF**

**Caterina Pace u b'digriet tas-17 ta' Mejju, 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Joseph Camilleri, Albert Philip Camilleri, Mary Grace Catania u David Camilleri, ilkoll eredi ta' Caterina Pace *stante* l-mewt ta' Caterina Pace fil-mori tal-proċeduri**

**v.**

**John Camilleri u Antoinette Camilleri u b'digriet tas-6 ta' Ġunju, 2013 l-isem ġie korrett għal Antonia sive Antoinette Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-atturi kollha, minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar is-17 ta' April, 2023, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Daħla**

2. Illi permezz ta' rikors maħluf imressaq nhar is-27 ta' Frar, 2012 l-attriċi Catherine Pace fissret li kellha disgħin (90) sena, u li hija z-zija tal-konvenut John Camilleri, filwaqt li l-konvenuta hija martu.

3. Tgħid li l-konvenuti b'qerq, *dolo* u b'rieda ħażina approprjaw ruħhom inġustament u illegalment kemm mill-proprjetà immobbli kollha tagħha, kif ukoll mill-flus li faddlet tul ħajjitha. Issostni li minħabba dan l-aġir illegali, abbużiv u qarrieqi tal-konvenuti hija sabet ruħha fi xjuħitha b'xejn.

4. L-attriċi ssoktat tgħid li xi xhur wara l-mewt ta' oħtha Liza Pace, saret taf illi fil-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea fejn tniżżel li hija kienet għamlet donazzjoni irrevokabbli lill-konvenut John Camilleri tas-sehem tagħha f'diversi proprjetajiet immobbli, inkluż fir-residenza tagħha stess, kif jirriżulta mill-istess kuntratt, li permezz tiegħu l-konvenuti kisbu l-proprjetà immobbli kollha tagħha.

5. L-attriċi tgħid li hija qatt ma tat il-kunsens tagħha kif trid il-liġi għal din id-donazzjoni tal-proprjetà immobbli kollha tagħha lill-konvenut John Camilleri, u lanqas biss kienet taf bl-eżistenza ta' dan il-kuntratt ta'

donazzjoni, u tisħaq li l-imsemmi att ta' donazzjoni sar b'*dolo* u b'qerq imħaddem mill-konvenut John Camilleri flimkien ma' oħrajn. Tfisser li hija kienet ġiet akkumpanjata għand in-Nutar mill-konvenuta Antoinette Camilleri sabiex tagħmel testment u fl-ebda waqt hija ma tat struzzjonijiet li xtaqet tagħmel donazzjoni. Tgħid ukoll li lanqas ma ġie mfisser jew moqri lilha li hija kienet qed tittrasferixxi matul ħajjitha l-proprjetà immobbli kollha tagħha, inkluż sehemha fid-dar ta' residenza tagħha stess favur il-konvenut.

6. Tissokta tgħid li hija kienet għand in-Nutar waħidha u l-konvenut ma kienx preżenti inkluż meta hija ntalbet tiffirma dak li suppost kellu jkun testment tagħha iżda li fil-fatt kien il-kuntratt fuq imsemmi. Għalhekk tgħid li l-kunsens tagħha fuq il-kuntratt tal-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea kien vizzjat b'qerq u huwa invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

7. B'żieda ma' dan, tgħid li billi hija qatt ma kellha l-intenzjoni li tagħti donazzjoni tal-proprjetà kollha tagħha, u lanqas kienet taf li qiegħda tagħti b'donazzjoni irrevokabbli l-proprjetà kollha tagħha, inkluż sehemha fir-residenza tagħha stess lill-konvenut, allura l-kunsens tagħha huwa wkoll vizzjat bi żball u huwa għalhekk invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Tgħid li dak li sar huwa wkoll bi ksur tal-**Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili**.

8. L-attriċi tgħid ukoll li b'żieda ma' dan kollu, il-konvenut bis-saħħa ta' prokura mogħtija lilu minnha, abbużivament ġibed mill-kont bankarju tagħha mal-Bank HSBC Bank Malta plc is-somma ta' sitt elef, disa' mija, tmienja u tmenin ewro u ħdax-il ċenteżmu (EUR6,988.11) mingħajr il-kunsens u r-rieda tagħha. Mhux hekk biss għaliex huwa akkapparra għalih tali somma u qiegħed jirrifjuta li jroddilha lura minkejja li ġie interpellat jagħmel hekk anki b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju, 2011 u b'oħra tal-4 ta' Awwissu, 2011. Tgħid li fl-ittra ufficjali tiegħu tat-22 ta' Lulju, 2011, il-konvenut John Camilleri diġà ammetta li ħa din is-somma mingħandha iżda qiegħed jippretendi li għandu d-dritt iżommha bħala kumpens għal serviġi mwettqa minnu u minn martu, liema kumpens però ssostni li bl-ebda mod ma huwa dovut.

9. Tissokta tgħid li f'Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hija kienet fdat is-somma ta' tletin elf ewro (EUR30,000) li hija kienet faddlet tul ħajjitha f'idejn il-konvenuta Antoinette Camilleri sabiex dawn il-flus jitpoġġew f'kont bankarju f'isem l-attriċi stess. Tgħid iżda li l-konvenuti żammew dawn il-flus għalihom u qegħdin jirrifjutaw li jrodduhomlha minkejja li ġew debitament interpellati b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Awwissu, 2011.

10. Għalhekk l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1.Tiddikjara li l-kunsens tal-attriċi fuq il-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju 2010 (Dok. CP1) li permezz tiegħu l-konvenut akkwista l-proprjetà immobbli kollha tal-attriċi kien vizzjat b'qerq da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi jew mogħti bi żball li jinvalida l-kunsens tal-attriċi fuq l-istess kuntratt.*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju, 2010 (Dok. CP1) huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju, 2010 (Dok. CP1) huwa wkoll null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta) billi sar bi ksur tal-proċedura sanċita fil-provvedimenti tal-istess Att.*

*4. Tordna għalhekk ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju, 2010 (Dok. CP1) għar-raġunijiet fuq imsemmija u tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' lat opportun ta' rexxissjoni.*

*5. Taħtar għalhekk nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' rexxissjoni u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ta' rexxissjoni.*

*6. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti huma debituri tal-attriċi fl-ammont ta' sitta u tletin elf disa' mija tmienja u tmenin ewro u ħdax-il ċenteżmu (EUR36,988.11) jew somma verjuri rappreżentanti flejjes ta' l-attriċi li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirritornaw lill-attriċi mingħajr raġuni valida.*

*7. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi dina s-somma ta' sitta u tletin elf disa' mija tmienja u tmenin ewro u ħdax-il ċenteżmu (EUR36,988.11) jew somma verjuri.*

*Bl-imgħax legali fuq is-somma ta' EUR6,988.11 mid-data tal-ittra uffiċċjali tat-18 ta' Lulju, 2011 (Dok. CP2), bl-imgħax legali fuq is-somma ta' EUR30,000 mid-data ta' l-ittra uffiċċjali tal-4 ta' Awwissu, 2011 (Dok. CP4) u bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-imsemmija ittra uffiċċjali u tal-mandat ta' sekwestru li ġie ppreżentat kontestwalment kontra konvenuti li ġew inġunti in subizzjoni, u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attriċi.»*

11. Il-konvenuti ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fit-3 ta' Awwissu, 2012 li permezz tagħha eċċepew illi:

*«1. Illi preliminarjament ir-rikors maħluf huwa null inkwantu kuntradittorju*

*filli jallega fl-istess waqt li l-kunsens ta' l-attriċi kien vizzjat b'qerq ipperpetrat mill-konvenut fil-konfront tagħha u mogħti bi żball li jinvalida l-kunsens tal-attriċi. Tali nuqqas ta' kjarezza anke fir-rikors maħluf għandhom iwasslu għan-nullità tal-istess a tenur tal-art 156 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrikjedi li r-rikors ġuramentat ikun redatt b'mod ċar u sewwa. Jinkombi fuq l-attriċi li tiddetermina 'in limine litis' liema hija dik ir-raġuni li, skont hi, l-kunsens tagħha huwa vizzjat u ċertament ma tistax din tallega sempliċiment li tali kunsens kien vizzjat bi żball u b'qerq proprju għaliex jekk il-kunsens tagħha kien vizzjat bi żball dan jeskludi minnufih kwalunkwe qerq da parti tal-konvenut, u viċi-versa. Jeħtieġ illi r-raġuni tal-vizzju allegat mill-attriċi jiġi ċċarat f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri proprju sabiex ma jiġux preġudikati d-drittijiet proċedurali tal-konvenuti.*

*2. Illi fir-rigward tat-talbiet għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni l-attriċi ddekadiet mid-drittijiet tagħha bit-terminu indikat taħt l-art 1222 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut ma eżerċita ebda qerq, dolo jew 'mala fede' fil-konfront tal-attriċi tant illi lanqas fl-istess rikors ġuramentat ma ssir ebda referenza għalliema rappreżentazzjonijiet foloz, artifizi frawdolenti, u raġġiri gravi u determinanti ġew mwettqin mill-intimat b'qerq ta' l-istess attriċi u kif inhu meħtieġ għas-suċċess ta' tali kawżali ta' nullità. Fil-fatt kienet l-istess attriċi li bil-bona volontà kollha tagħha issottoskriviet validament għad-donazzjoni li issa qed tiġi attakkata u kienet kuntenta meta għamlet dan. Ma jistax ikun li l-attriċi skopriet biss riċentement li għamlet dan il-kuntratt u dan għaliex kienet hi li riedet tikkonkludi tali kuntratt u f'dan ir-rigward ġie saħansitra ingaġġat l-uffiċċju tan-Nutar li solitament jippubblika l-atti għall-attriċi u għal ħutha.*

*4. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess lanqas ma jeżisti ebda żball da parti ta' l-attriċi fil-mod illi din iddiportat ruħha fil-konfront tal-intimati, wisq anqas xi żball li huwa sostanzjali, skużabbli u determinanti li jirrendu l-kuntratt ta' donazzjoni null u bla effett.*

*5. Illi lanqas ma jeżisti ebda nuqqas ta' forma jew fis-sustanza li effettivament jirrendi l-kuntratt ta' donazzjoni wieħed null u bla effett. Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta) ġew ukoll skrupolożament segwiti min-Nutar li ppubblika l-att.*

*6. Illi lanqas ma teżisti ebda raġuni li tiġġustifika r-restituzzjoni ta' kwalunkwe flus mogħtijin mill-attriċi lill-intimati u dan peress illi tali somma tirrappreżenta ħlas u kumpens għas-serviġi reżi mill-intimati lejn l-istess attriċi u kif ukoll in kumpens tal-ispejjeż inkorsi mill-istess intimati f'isem l-istess attriċi u a benefiċċju esklussiv tagħha u dan kif validament konċess mill-istess rikorrenti fiż-żmien relattiv. Qatt qabel l-ittra uffiċċjali datata 4 ta' Awwissu, 2011 u anke għal xi żmien wara din l-ittra l-intimati ma ġewx mitlubin mill-attriċi personalment sabiex jirrifondu xi somma ta' flus, dan minkejja l-fatt li l-intimati baqgħu iżuruha regolarment u jieħdu ħsieb il-*

*bżonnijiet tagħha.*

*7. Illi effettivament il-konvenut għamel żmien twil jorqod kuljum għand l-attriċi filwaqt li, flimkien mal-konvenuta u wliedha kienu ilhom għal żmien twil jieħdu kura tagħha. Il-problemi bdew jinqalgħu għaliex ħut l-intimat John Camilleri u żwieġhom ma bdewx japprezzaw il-mod li bih l-attriċi kienet qed taġixxi fil-konfront tal-intimati.*

*8. Illi fir-rigward tas-somma tat-tletin elf ewro (€30,000) msemmija wkoll fir-rikors ġuramentat l-intimati jiċħdu kategorikament li huma qatt ingħataw somma f'dan il-valur jew somma oħra verjuri mill-attriċi. Effettivament lanqas ma saret ebda referenza għal din is-somma fl-ittra uffiċċjali datata 18 ta' Lulju, 2011 mibgħuta mill-attriċi lill-intimati.*

*9. Illi fi kwalunkwe każ l-intimati m'għandhom x'jirritornaw xejn lill-attriċi u lanqas ma jeżistu ebda raġunijiet li għalihom il-kuntratt ta' donazzjoni relattiv jista' jiġi dikjarat null u bla effett ai fini u effetti tal-liġi.*

*10. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*11. Illi l-eċċezzjonijiet tal-intimati qegħdin jiġu mressqin ilkoll mingħajr preġudizzju għal xulxin.*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

12. Permezz ta' sentenza preliminari tal-14 ta' Ġunju, 2013 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari u ordnat li l-kawża titkompla. Ma tressaq ebda appell minn din id-deċiżjoni u allura dan il-kapitlu huwa magħluq.

13. B'sentenza finali mogħtija nhar is-17 ta' April, 2023 l-Ewwel Qorti, laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi (ħlief dawk li kienu diġà ġew deċiżi bis-sentenza preliminari).

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex illi tikseb dikjarazzjoni li l-kunsens tagħha fuq il-kuntratt ta' donazzjoni tal-5 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor George sive Jurgen Galea huwa vizzjat b'qerq għar-raġuni li meta marret għand in-Nutar hija kienet taħt l-impressjoni li kienet ser tirrediġi testment. Titlob ukoll dikjarazzjoni li l-kunsens tagħha fuq l-att ta' donazzjoni kien vizzjat bi żball għaliex waqt li kien mingħaliha li qiegħda tirrediġi testment irriżulta li l-att minnha ffirmat kien donazzjoni tal-ġid kollu tagħha favur il-konvenut. Titlob għalhekk ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni.*

*L-attriċi qiegħda titlob ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuti huma debituri tagħha fis-somma komplessiva ta' €36,988.11 liema somma l-attriċi tgħid illi ġiet miżapproprijata mill-konvenuti u dan inkwantu għas-somma ta' €6,988.11 liema somma tgħid illi ġiet sottratta mill-kontijiet bankarji tal-attriċi u depożitata fil-kont bankarju tal-konvenut Camilleri bis-saħħa ta' prokura li l-attriċi stess tat lill-konvenut Camilleri u inkwantu għas-somma ta' €30,000 li l-attriċi tgħid illi tat lill-konvenuta sabiex tiġi depożitata fil-kont bankarju tagħha u li minflok baqgħet indebitament u illegalment miżmuma mill-konvenuti.*

*Il-konvenuti laqgħu billi eċċepew illi huma ma kkommettew ebda qerq fil-konfront tal-attriċi għaliex l-att ta' donazzjoni sar fuq xewqa tal-attriċi li riedet tippremja lill-konvenuti għal serviġi reżi lilha. Jeċċepixxu wkoll illi huma qatt ma ngħataw mill-attriċi s-somma ta' €30,000 u li għalhekk din is-somma mhijiex dovuta.*

*Mill-provi jirriżulta li l-attriċi hija xebba. Ġiet deskritta bħala mara twajba, sempliċi u ta' ftit skola. L-attriċi hija z-zija tal-konvenut. Hija wkoll waħda minn ħames aħwa li minnhom waħda biss iżżewġet u ċjoè omm il-konvenut. Il-familja Camilleri, jiġifieri l-familja tal-konvenut flimkien ma' ħutu u l-familja ta' ommu kienet familja magħquda ferm tant illi l-attriċi u ħutha kienu jgħixu bieb ma' bieb m'oħthom il-miżżewwġa u kellhom relazzjoni tajba ħafna man-neputijiet tagħhom u ċjoè il-konvenut u ħutu. Jidher illi f'xi żmien l-aħwa Pace li lkoll bdew jikbru fl-età, talbu lin-neputijiet tagħhom sabiex jibdew jassistuhom mal-lejl billi jorqdu magħhom. Għall-ewwel xahar kollox mexa ħarir bl-aħwa Camilleri ftehmu bejniethom sabiex jibdew jitqassmu u jorqdu lejl kull wieħed mal-attriċi u ħutha.*

*Minn hemm beda d-diżgwid għaliex waqt illi ħut il-konvenut bdew jirtiraw minn dan l-intrigu, il-konvenut ma sab ebda diffikultà li għal aktar minn ħames snin jorqod kuljum maz-zijiet tiegħu waqt illi l-konvenuta martu kienet tassistihom billi tgħinhom fit-tindif tad-dar u tieħu ħsieb faċendi oħra bħal appuntamenti mediċi li kien ikollhom. Huwa bil-wisq evidenti mix-xhieda tal-konvenuti li jippretendu kumpens u ħlas għas-serviġi reżi minnhom.*

*Mill-banda l-oħra, huwa wkoll evidenti li ħut il-konvenut ma kienux kuntenti meta saru jafu li ma kien se jmisshom xejn mill-wirt taz-zijiet tagħhom għaliex kollox kien destinat b'donazzjoni jew wirt favur il-konvenut. Kien proprju minn hawn li nibet l-inkwiet familjari bl-attriċi u ħutha, anzjani*

*bħalha, jagħqdu fin-nofs fil-kwistjonijiet bejn in-neputijiet. Tant eskalaw l-affarijiet li mhux talli l-aħwa Camilleri ma baqgħux jitkellmu, talli l-konvenut u martu spiċċaw jiġu nsulentati bi kliem dispreġattiv. Aktar minn hekk, ħut il-konvenut, partikolarment oħtu Mary Grace Catania u r-raġel tagħha Richard Catania bdew jagħtu fastidju u jinkwetaw lill-attriċi billi waqt li jżuruha jgħidulha diskors kontra l-konvenuti tant illi l-konvenut ħass il-ħtieġa li f'dan ir-rigward isir rapport lill-pulizija li wara li tkellmet mal-attriċi widdbet lill-konjuġi Catania sabiex ma joħolqux aktar inkwiet għall-attriċi.*

*Tlieta huma l-kwistjonijiet li trid tittratta l-Qorti llum. Fl-ewwel lok il-kwistjoni tal-validità o meno tal-kunsens tal-attriċi fuq l-att ta' donazzjoni. Fit-tieni lok il-kwistjoni marbuta mas-somma ta' €6988.11 u finalment il-kwistjoni tas-somma ta' €30,000.*

***Il-Kunsens***

*L-attriċi tgħid li l-kunsens tagħha fuq l-att ta' donazzjoni nkiseb b'qerq u bi żball għaliex qatt ma kienet l-intenzjoni tagħha li tqassam ġidha tul ħajjitha biex b'hekk fi xjuħitha spiċċat mingħajr patrimonju. Tgħid illi l-konvenuti qarrqu biha meta ħaduha għand in-Nutar Galea għaliex waqt li kien mingħaliha sejra tagħmel testment spiċċat għamlet att ta' donazzjoni.*

*Il-konvenuti jirribattu li ma qarrqux bl-attriċi u li lanqas ma jista' jingħad li hija kkommettiet xi żball. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut ikkonferma li kien hu stess li ftiehem man-Nutar Galea sabiex jagħtih appuntament u fuq suġġeriment tal-istess Nutar, il-konvenut għamel ukoll appuntament għand il-psikjatra Dottor Joseph Vella Baldacchino li kien inkarigat jattesta l-kapaċità mentali tal-attriċi qabel tersaq fuq l-att.*

*Minn qari taċ-ċertifikat rilaxxjat mill-psikjatra jirriżulta li huwa ddikjara lill-attriċi bħala kapaċi sabiex tagħmel testment. Kif sewwa tosserva l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, jidher illi l-konvenuti ma qalux il-verità lill-psikjatra tant illi kif ikkonferma l-istess psikjatra fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, huwa eżamina lill-attriċi mill-lenti ta' jekk kellhiex kapaċità testamentarja jew le. Dwar dan il-punt ix-xhieda tal-konvenut hija kunfliġġenti għaliex għalkemm inizjalment qal li nforma lill-psikjatra dwar l-att ta' donazzjoni, in kontro-eżami xehed illi ma jiftakarx jekk lill-psikjatra qallux dwar id-donazzjoni jew le. Il-Qorti tapprezza l-fatt illi t-trapass taż-żmien jista' jtappan il-memorja biss il-kwistjoni ta' jekk il-konvenut għarrafx lill-psikjatra dwar l-att li l-attriċi kienet sejra tersaq għalih hija kwistjoni importanti għaliex in-nuqqas ta' trasparenza jista' jkun indikattiv ta' qerq perpetrat mill-konvenuti sabiex jaċċeleraw il-biċċa tax-xogħol mingħajr ma jinkorru xkiel.*

*Jirriżulta inoltre illi skont ma xehed il-Professur Anthony Zammit (recte: Dimech) fil-kawża 352/12 hu kien jeżamina lilha u lill-oħtha kull sitta jew tnax-il xahar u kien dejjem sabha luċida.*
*Ferm il-premess, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tan-Nutar Mariella Mizzi li għalkemm ġie kkonfermat li mhux hi rrediġiet l-att li qiegħed jiġi attakkat, xehdet illi kienet edotta mill-fatt li saret donazzjoni. Terġa' u tgħid hija*

*xehdet illi meta eventwalment inqala' l-inkwiet bejn l-attriċi, il-konvenut u ħutu, l-attriċi kienet irrikorriet għand in-Nutar għal parir u waqt illi kienu qegħdin jitkellmu waħedhom, l-attriċi stqarret mal-imsemmija Nutar li ma kinitx taf x'ser taqbad tagħmel għaliex ma riditx turi lin-neputijiet tagħha u ċjoè lil ħut il-konvenut dwar id-donazzjoni. In-Nutar Mizzi ssoktat tixhed illi l-attriċi kienet taf bid-donazzjoni.*

.......

*Il-każ tal-lum huwa wieħed minn serje ta' kawżi istitwiti fil-konfront tal-konvenut u/jew martu liema proċeduri lkoll jitrattaw il-kwistjoni ta' qerq li l-konvenut u/jew martu allegatament wettqu fil-konfront tal-attriċi u ħutha. Il-kwistjonijiet bejn l-aħwa Camilleri jirrisalu għas-sena 2010 meta wara l-mewt taz-zija tagħhom u oħt l-attriċi Elizabetta Pace, infetħet is-suċċessjoni tagħha u rriżulta li din kienet għamlet testment permezz ta' liema nnominat lill-konvenut John Camilleri bħala eredi universali tagħha. Minn hemm l-aħwa Camilleri għamlu r-riċerki u l-indaġni tagħhom u rriżulta lilhom li kien hemm serje ta' atti permezz ta' liemu saru testmenti u donazzjoniiet favur il-konvenut. Irriżultalhom ukoll illi l-konvenut kien ħa flus mingħand ommu mingħajr il-kunsens tagħha. Dawn il-kwistjonijiet issarrfu fi proċeduri legali sia fil-kamp ċivili kif ukoll fil-kamp kriminali.*

*Il-proċess penali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs John Camilleri u Antoinette Camilleri*** *kien jitratta tehid ta' flus ta' Catherine Pace ossia l-attriċi odjerna. B'sentenza tal-4 ta' Novembru 2019 il-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat lill-imputati bħala mhux ħatja tal-akkużi kollha kif dedotti fil-konfront tagħhom. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-11 ta' Frar 2020.*

*Intant b'sentenza tat-30 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet* ***Giuseppa sive Josephine Camilleri vs John Camilleri et****, il-Qorti laqgħet it-talbiet u ddikjarat illi l-kuntratti ta' donazzjoni u t-testment datati 14 ta' Ġunju 2010 kienu vizzjati b'qerq dan wara li Giuseppa sive Josephine Camilleri u ċjoè omm il-konvenut, ġiet minnu indotta f'ingann meta waqt illi kien mingħaliha li sejra tagħmel testment spiċċat inkonsapevolment għamlet sia testment kif ukoll att ta' donazzjoni dejjem favur binha John Camilleri. Waqt illi ordnat ir-rexxissjoni tal-imsemmija atti, il-Qorti ordnat ukoll lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi l-flus kollha li kienu ħadu mingħandha b'qerq. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell fil-11 ta' Frar 2020.*

*Apparti li assigurat ruħha li tippreżenta kopja legali tas-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2010 u tal-11 ta' Frar 2020, l-attriċi għamlet referenza wkoll għal dawn is-sentenzi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-Qort qrat dawk is-sentenzi biss waqt li ħadet konjizzjoni tal-fatti f'dik il-kawża u dak illi kellha x'tgħid il-Qorti għar-rigward, tqis ukoll illi l-fatti f'dik il-kawża huma differenti minn dawk tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum.*
*Applikati l-prinċipji legali fuq imsemmija għall-każ tal-lum, il-Qorti ssib illi l-attriċi ma rnexxilhiex tikkonvinċi lil din il-Qorti illi l-kunsens tagħha kien vizzjat minn qerq jew żball. Il-Qorti xtarret bir-reqqa kull kelma li lissnet in-Nutar Mizzi fix-xhieda tagħha. Tqis illi fi sfond ta' kunflitt tal-provi fejn kull*

*parti tgħid dak illi huwa l-aktar konvenjenti għaliha, ix-xhieda tan-Nutar Mizzi hija xhieda newtrali, senza nteressi u għalhekk aktar affidabbli. In-Nutar Mizzi kkonfermat li l-attriċi kienet ben konsapevoli mill-fatt li kienet għamlet donazzjoni favur il-konvenut tant li meta ħut il-konvenut xammew dan l-attriċi ġiet daharha mal-ħajt u ma riditx tikxef idha x'kienet għamlet. Dan huwa wkoll konfortat mix-xhieda tal-istess Nutar Galea kif ċitata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreżentata in atti. Żgur illi l-attriċi m'antiċipatx li n-Nutar Mizzi, biex tipprova ssalva s-sitwazzjoni kienet sejra tissuġġerixxi lil ħut il-konvenut sabiex jordnaw riċerki legali biex isiru jafu x'ġara sewwa sew. Madanakollu, għaliex inqala' l-inkwiet mal-bqija tal-familjari tagħha, l-attriċi ma tistax tistaħba wara l-qerq u l-iżball sabiex tiżloq minn att li għamlet volutament. Għal din il-Qorti, l-attriċi kienet konxja minn dak li kienet qiegħda tagħmel u resqet għall-att ta' donazzjoni għaliex riedet hi. Wieħed jinnota wkoll illi kuntratti oħra rigwardanti proprjetà immobbli diġà kienet għamlet fi żmien preċedenti, u għalkemm sempliċi ma kinitx injoranta. Dak iż-żmien kienu l-konvenut u martu li kienu qegħdin iduru bl-attriċi inkluż ukoll il-fatt li l-konvenut kien jorqod magħha ta' kuljum u għal dan ħasset li kellha tippremjah. Is-sitwazzjoni nbidlet meta ħut il-konvenut bdew ideffsulha f'rasha li l-konvenuti kienu serquha u fil-fraġilità u s-sempliċità tagħha l-attriċi kienet aktar suxxettibbli li temmen dak li kien qiegħed jingħad lilha.*

*L-attriċi taggrappa wkoll mal-fatt li l-isteżura u l-pubblikazzjoni tal-att ta' donazzjoni ma segwietx il-formola u l-proċedura kif stabbilita taħt l-* ***Artikolu 40 tal-Kap. 55 tal-Liġijiet ta' Malta****. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tallega li l-att ta' donazzjoni kien prefabbrikat fuq struzzjonijiet tal-konvenut. Tosserva wkoll illi n-Nutar li kkonfezzjona l-att lanqas biss ivverifika l-fatti u dan għaliex waqt li niżżel li l-attriċi kienet qiegħda tgħaddi l-proprjetà bil-pussess vakanti, in realtà dan ma setax isir ġa la darba fil-mument li saret id-donazzjoni l-attriċi kienet għada tgħix fir-residenza tagħha. Kwantu għal dak illi jolqot żbalji li tniżżlu fuq l-att, waqt li juru nuqqas t'attenzjoni għad-dettall da parti tan-Nutar, m'humiex fatturi li huma ta' rilevanza għall-kawża kif impostata llum.*

*Hija prassi normali għall-aħħar li l-atti notarili jkunu diġà abbozzati fil-mument li l-partijiet jidhru quddiem in-Nutar u dan jiġri għaliex altrimenti jkun ferm diffiċli għan-Nutar li jabbozza l-att dak il-ħin in preżenza tal-partijiet speċjalment meta l-att ikun wieħed kumpless li jinvolvi spartizzjoni ta' ishma. Għalhekk il-Qorti ma tara xejn ħażin fil-fatt li l-att ta' donazzjoni kien diġà ġie abbozzat bid-dokumenti relattivi annessi miegħu. Dan però ma jfissirx li l-att ma' nqarax lill-attriċi jew li l-kontenut tiegħu ma ġiex imfisser lilha. Il-Qorti tirribadixxi li t-teżi attriċi hija fil-fehma tagħha tentattiv disperat ta' kif tiżgiċċa mid-donazzjoni favur il-konvenut u b'hekk tevita l-inkwiet mal-bqija tal-familja tagħha. Abbażi tal-prinċipju incumbit ei cui dixit non ei qui negat, kien jinkombi fuq l-attriċi li tipprova dak illi qiegħda tallega. Fl-atti però ma tirriżultax il-prova, lanqas fi grad ta' probabilità, illi li l-kunsens tal-attriċi kien vizzjat b'qerq jew żball.*

*Il-Qorti żżid tosserva illi hawnhekk si tratta dwar talba għar-rexxissjoni ta' att pubbliku. Fil-* ***Manuale di Diritto Privato, Torrente u Schlesinger***

*jiddeskrivu l-kuntratt bħala "un istituto centrale dell'intero sistema del diritto privato e la figura piu' importante di negozio giuridico."*[1]

*Ifisser dan illi jekk tiġi akkordata, t-talba għar-rexxissjoni jkollha implikazzjonijiet serji ħafna stante illi dikjarazzjoni f'dan is-sens twassal għall-annullament tal-att bil-konsegwenzi kollha li tali annullament iġib miegħu. Għalhekk sabiex tilqa' talba bħal din il-Qorti jeħtieġ illi tkun konvinta, permezz ta' provi konkludenti u konvinċenti li dak l-att huwa null għaliex nieqes minn rekwiżit jew aktar li l-liġi teżiġi ad validitatem. Kull dubju għandu jimmilita favur il-validità tal-att.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet sejrin jiġi miċħuda in toto.*

*Permezz tas-sitta u s-seba' talba l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara lill-konvenuti debituri tagħha fis-somma komplessiva ta' €36,988.11 u konsegwentment tikkundannahom iħallsuha dan l-ammont inkluż l-imgħaxijiet legali.*

*It-talba tal-attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €36,988.11 tnisslet mill-fatt li fil-fehma tal-attriċi l-konvenuti approprjaw ruħhom indebitament minn somma flus li l-attriċi stess tgħid illi ġemmgħet matul ħajjitha. Inkwantu s-somma ta' €6,988.11, l-attriċi tallega li din kienet depożitata l-bank u li bi prokura favur tiegħu l-konvenut ippreleva dan l-ammont mill-bank u l-flus żammhom għalih.*

*Mill-bank statements ta' kontijiet f'isem l-attriċi jirriżulta li s-somma ta' €6,988.11 kienet fil-fatt maqsuma fi tliet kontijiet bankarji fejn f'kull kont kien hemm depożitata s-somma ta' €2,329.37. Jidher ukoll illi in virtù tal-prokura favur tiegħu, fis-16 ta' Lulju 2010 il-konvenut ġibed is-somma ta' €6,988.11 u ddepożita l-ammont fuq kont f'ismu.*

*Il-konvenut ikkonferma li kien proprju hu li uża l-prokura għal dik l-uniku darba u b'hekk ġibed is-somma ta' €6,988.11 li ddepożita fil-kont bankarju tiegħu. Huwa xehed li din is-somma ġiet depożitata favur tiegħu fuq insistenza tal-attriċi li ripetutament kienet qiegħda tgħidlu biex jieħu l-flus u jqassamhom lill-uliedu. Issokta jgħid illi f'okkażjoni minnhom l-attriċi għaddiet envelope lill-konvenuta biex din tgħaddih lill-konvenut. Meta fetaħ l-envelope il-konvenut sab li fih kien hemm tliet bank statments tal-kontijiet li fihom kien hemm depożitata s-somma komplessiva ta' €6,988.11. Huwa kompla jixhed li l-attriċi riditu jieħu din is-somma flus in kumpens għal dak illi kien qiegħed jagħmel magħha. Jisħaq li l-attriċi baqgħet tirċievi l-bank statements relattivi għall-istess kontijiet u fl-istess ħin ukoll hija baqgħet tħaddem l-istess tliet kontijiet u b'hekk, jekk kellha xi oġġezzjoni setgħet tissolleva l-kwistjoni dak iż-żmien. Jgħid illi l-fatt li l-attriċi kienet konsapevoli minn dak li ġara iżda ma ressqet ebda oġġezzjoni jikkonferma li xejn ma sar minn wara daharha u li hi kienet kuntenta b'dan. Ir-rappreżentanti tal-bank ikkonfermaw li l-istatements baqgħu jintbagħatu lill-attriċi regolarment fl-indirizz tad-dar tagħha. Ma*

[1] *§264, Capitolo XXV Il Contratto, paġna 527, Edizzjoni numru 25, Giuffre 2021*

*tirriżulta ebda prova li l-attriċi ma qratx dawk l-istatements jew li ma fehmitx l-informazzjoni hemm kontenuta. B'żieda ma' dan il-Qorti żżid tosserva li l-attriċi stenniet sena sakemm b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju 2011 hija infurmat lill-konvenut li l-prokura kienet qiegħda tiġi irtirata b'mod immedjat.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tressaq l-argument li dak li għamel il-konvenut meta uża l-prokura biex jiġbed il-flus huwa abbuż tal-inkarigu tiegħu qua mandatarju. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. F'dan il-każ ma rriżultat ebda prova li l-konvenut abbuża mill-poteri lilu mgħoddija. Għal din il-Qorti l-użu tal-prokura f'dik l-okkażjoni singolari, magħdud dan maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ in diżamina, ma jammontaw għal ebda abbuż. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha li minħabba t-tilwim familjari li nqala' l-attriċi biddlet fehmitha u dak il-ġest li għamlet bir-rieda sħiħa tagħha issa qiegħda ddawru kontra l-konvenut. Konferma aktar b'saħħitha ta' dan kollu hija l-fatt li l-attriċi stenniet xejn inqas minn sentejn sabiex ressqet kwerela fil-konfront tal-imputati fejn akkużathom li kienu approprjaw ruħhom mill-imsemmija somma.*

*Kwantu għas-somma ta' €30,000, minn imkien ma tressqet prova li l-attriċi verament kellha din is-somma flus imġemma jew li għaddiet din is-somma lill-konvenuti. Il-Qorti tosserva kif konsistentement il-konvenuti baqgħu jikkontestew il-fatt li l-attriċi għadditilhom is-somma ta' €30,000. Da parti tagħha l-attriċi tgħid illi din is-somma kienet iżżommha fi flus kontanti mistura fid-dar tagħha stess. Xehdet illi kienet proprju l-konvenuta li daħħlitilha f'rasha li aħjar ma tħallix flus id-dar minħabba s-serq. Fir-recordings li l-attriċi ħadet tal-konverżazzjonijiet li kien ikollha mal-konvenuta, l-attriċi tinstema diversi drabi tgħid lill-konvenuta sabiex imorru għand in-Nutar ħalli ssir ir-restituzzjoni ta' dak li allegatament ittieħed mill-konvenuti. Fil-kors tal-istess konverżazzjonijiet tissemma' wkoll is-somma ta' €30,000 u f'dan ir-rigward il-konvenuta tinstema' tgħid li l-flus li tathom l-attriċi tathomlhom abbażi talftehim li kien hemm bejn il-partijiet u ċjoè b'kumpens għas-serviġi reżi minnhom. Il-konvenuta tinstema' tgħid ukoll li l-flus li għaddietilhom l-attriċi qegħdin f'isem il-konvenut.*

*Il-Qorti ma tistax tiskarta l-fatt li l-intimati ġew liberati mill-akkużi kriminali tagħhom dwar dawn is-somom u li mill-istess sentenza jirriżulta illi f'dawk iż-żminijiet ir-rikorrenti kienet spiss tmur il-bank personalment sabiex taqdi l-ħtiġijiet tagħha.*

*Il-Qorti tirribadixxi li d-deċiżjoni tagħha trid tkun ibbażata fuq provi li anki jekk ir-rekwiżit tal-prova fil-kamp ċivili huwa fuq bażi ta' probabbiltà, xorta trid tirriżulta dik il-prova li tikkonvinċi lill-Qorti dwar il-fatti kif ippreżentati mill-attriċi. Il-Qorti ċertament illi ma tistax tasal għall-konklużjoni tagħha fuq sempliċi konġetturi u suppożizzjonijiet. F'dan il-każ il-provi kollha juru li dak li sar bejn l-attriċi u l-konvenuti sar bi ftehim bejniethom, ftehim li bih l-attriċi riedet tikkumpensa lill-konvenuti għal dak kollu li għamlu magħha. Madanakollu, minħabba l-inkwiet li nqala' fil-familja, l-attriċi riedet treġġa' l-arloġġ lura u dak li darba għamlet volontarjament issa qiegħda ddawwru f'approprjazzjoni ndebita da parti tal-konvenuti.*

*Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar it-talbiet u l-bqija tal-eċċezzjonijiet li ma kienux deċiżi bis-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2013 billi waqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti. L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-attriċi.»*

15. L-atturi appellaw minn din is-sentenza finali, b'rikors imressaq fil-15 ta' Mejju, 2024 b'erba' aggravji.

16. Il-konvenuti ressqu t-tweġiba tagħhom fil-5 ta' Ġunju, 2023 fejn fiha ressqu l-preġudizzjali tan-nullità tar-rikors tal-appell, u mill-bqija taw ir-raġunijiet għala l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud. Il-preġudizzjali tan-nullità tar-rikors tal-appell ġiet irtirata *seduta stante* nhar it-3 ta' Settembru, 2024.

17. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-3 ta' Settembru, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Din hija kawża dwar talba għal rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni billi qiegħed jiġi allegat li l-kunsens tad-donatriċi kien vizzjat b'qerq jew mogħti bi żball, filwaqt li ssostni li l-kuntratt huwa null b'riħet l-**Artikolu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili**. B'żieda ma' dan l-attriċi talbet li l-konvenuti jroddulha lura s-somma globali ta' €36,988.11.

19. Din il-Qorti se tqis l-aggravji fl-istess ordni li tressqu mill-appellanti. Prinċipalment, l-aggravji tal-appellanti huma dwar l-għarbiel tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti.

20. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-7 ta' Frar, 2019 fl-ismijiet ***Gaetano Micallef v. Martha Micallef,***

> *«hija opportuna l-osservazzjoni, li l-apprezzament tal-provi mhuwiex xi eżerċizzju matematiku fis-sens li l-qorti ġudikanti għandha bilfors taċċetta versjoni jew oħra skond in-numru ta' xhieda li jsostnu tali verżjoni, iżda ix-xhieda ta 'xhud wieħed, jekk emmnuta, tista' tkun biżżejjed sabiex l-ewwel Qorti isserraħ il-konklużjoni tagħha fuq il-verżjoni mogħtija minn dak ix-xhud; dan hu in linea mal-prinċipju li x-xhieda, ponderantur non nemunerantur».*

21. Ingħad ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet ***Chef Choice Limited v. Raymond Galea et***, li

> *«Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet* **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil***). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (Ara, per eżempju, P.A. NC 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet* **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et***). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (Ara, per eżempju, P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet* **Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd***.). Min-naħa l-oħra, mhux kull kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet* **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe***). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta'*

> *ġudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et****).»*

22. Illi permezz tal-**ewwel aggravju** tagħhom, l-atturi appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi meta ċaħdet it-talba attriċi sabiex il-konvenuti jroddu lura s-somma ta' €30,000 minnhom approprjata abbużivament wara li Caterina Pace fdat din is-somma f'idejn il-konvenuta sabiex tpoġġihomlha l-Bank. Jgħidu li l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar din it-talba tagħhom kienet li huma ma ngħatawx din is-somma. B'hekk isostnu li kwalunkwe konsiderazzjoni oħra tal-Ewwel Qorti (ċjoè minn fejn ġew dawn il-flus u li l-attriċi verament kellha din is-somma) hija għalkollox irrilevanti.

23. Jissoktaw jgħidu li l-istess Caterina Pace xehdet *viva voce* u fissret kif ġemmgħet din is-somma. Barra minn hekk, jgħidu li huma kollha xehdu fuq dan il-punt. Biss biss jirreferu għax-xhieda ta' Albert Philip Camilleri li xehed li mal-qlib tal-munita mill-Lira Maltija għall-ewro huwa ħa ħsieb imur bosta drabi l-Bank biex issarrfilha l-flus li kellha d-dar. Jirreferu wkoll għar-*recordings* tal-konversazzjonijiet bejn Caterina Pace u Antoinette Camilleri, li ġew traskritti wkoll, minn fejn skonthom jirriżulta ċar li mhux biss Caterina Pace kellha din is-somma iżda wkoll li għaddietha lill-konvenuta.

24. L-appellanti jsostnu li wara li ġew esibiti t-traskrizzjonijiet, il-

konvenuta biddlet il-verżjoni tagħha li Caterina Pace mhux biss tatha tliet pakketti li b'kollox kienu elf u sitt mitt ewro, iżda mbagħad tatha wkoll tliet numri ta' kontijiet bankarji. Jgħidu li l-Ewwel Qorti tagħraf li mir-*recordings* tissemma s-somma ta' €30,000 u l-konvenuta tinstema' tammetti li l-attriċi kienet għaddietilha dawn il-flus, u allura huwa ta' sorpriża kbira kif imbagħad għaddiet biex tiċħad l-eċċezzjoni waħdanija tal-konvenuti li l-flus qatt m'għaddew. Jisħqu li mir-*recordings* jirriżulta li l-konvenuta taċċetta li hija ħadet is-somma msemmija. Jgħidu wkoll li jirriżulta mis-sentenza kriminali li l-konvenuta għamlet depożitu ta' €30,000 fi flus kontanti fil-25 ta' Ottubru, 2010 mal-Valletta Money Fund. Biss il-Qorti Kriminali qieset li x-xhieda tal-Ispettur ma kinitx biżżejjed billi l-prosekuzzjoni ma esibitx l-*istatement* tad-depożitu li ssemma u qieset li dan kien meħtieġ sabiex jiġi ppruvat li r-reat ta' miżapproprjazzjoni tassew twettaq f'Awwissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010 skont l-imputazzjoni. Jgħidu li żgur li mhux kumbinazzjoni li l-konvenuta ddepożitat €30,000 ftit wara Awwissu 2010 meta l-attriċi tgħid li għaddiet il-flus lill-konvenuta.

25. Illi dwar dawn il-flus, il-verżjoni ta' Caterina Pace, fi ftit kliem, kienet li l-konvenuta kienet tbeżżagħha li kien hemm is-serq fit-triq u allura kkonvinċietha sabiex tgħaddilha l-flus. Hija hekk għamlet iżda bl-intenzjoni li dawn jiġu depożitati f'kont f'isem l-istess Pace u li qatt ma kienet l-intenzjoni tagħha li tagħtihom dawn il-flus b'donazzjoni. Tfisser li l-flus ġemmgħethom matul iż-żmien kemm bix-xogħol tagħha kif ukoll billi

kienet tħit għan-nies. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-konvenuti jiċħdu li qatt irċevew din is-somma mingħand Caterina Pace.

26. Illi l-appellanti jsostnu li ladarba l-konvenuti eċċepew biss li huma ma rċevewx din is-somma f'idejhom, allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tistħarreġ jekk ġiex ippruvat li l-attriċi setax kellha din is-somma f'idejha billi dan l-istħarriġ imur lil hemm mill-istess eċċezzjoni. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-fatt li l-konvenuti ċaħdu li qatt irċevew din is-somma ma jfissirx li b'hekk l-appellanti u dak iż-żmien l-attriċi kienu meħlusa mill-prova li Caterina Pace effettivament kellha dak l-ammont f'idejha. Pjuttost bil-maqlub għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba hemm ċaħda min-naħa tal-konvenuti li huma qatt irċevew dik is-somma, il-punt tat-tluq għall-Qorti għandu jkun proprju l-eżistenza tas-somma f'idejn min qiegħed jgħid li għaddiha lil ħaddieħor.

27. Dwar dan, l-attriċi Caterina Pace, mara mdaħħla fiż-żmien sew, fissret li dawn il-flus ġemmgħethom mix-xogħol tagħha fl-għelieqi u bl-annimali u bil-ħjata. Hija kienet tirċievi l-pensjoni u tgħaddi biha. L-appellanti jgħidu li huma kollha xehdu dwar dan il-punt, speċjalment Albert Philip Camilleri. Barra minn hekk, l-appellanti jirreferu għar-*recordings* minn fejn skonthom jirriżulta b'mod ċar li l-konvenuta Antoinette Camilleri għarfet li hija kienet irċeviet il-flus u dan allura jfisser li Pace kellha din is-somma f'idejha. Jingħad minnhom li din is-somma

ngħatat lill-konvenuta f'Awwissu, 2010.

28. Illi dwar ix-xhieda ta' Caterina Pace, filwaqt li huwa minnu li hija xehdet li kienet taħdem u tħit għan-nies, però dan għamlitu mingħajr ma tat wisq dettalji dwar id-dħul mix-xogħol tagħha mal-annimali u lanqas għall-ħjata u kemm dan tal-aħħar kien frekwenti. In-neputijiet ukoll xehdu b'mod vag, u fuq kollox għalkemm Albert Philip Camilleri xehed li mar diversi drabi l-Bank biex issarrfilha l-flus minn liri Maltin għal ewro però mingħajr wisq dettalji ta' ammonti u lanqas imqar irċevuta ta' dan it-tibdil.

29. Minkejja dan kollu, din il-Qorti tqis li mhijiex xi ħaġa barra minn din id-dinja li mara ta' disgħin sena jirnexxielha ġġemma' tletin elf ewro. F'kull każ, din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn u tagħlaq għajnejha għal dak li jirriżulta mir-*recordings* u t-traskrizzjonijiet tagħhom. F'dawn insibu li l-konvenuta (li kienet qiegħda tiġi rekordjata bil-moħbi minn Caterina Pace) ammettiet li hija rċeviet is-somma ta' €30,000. Dawn huma s-siltiet mill-konverżazzjoni li ma jħallu l-ebda dubju:

> *«Mara (Caterina Pace): ..Tletin elf (€30,000)....lanqas narahom b'għajnejja!*
>
> *Mara 2 (Antoinette Camilleri):....Dawk ewros ta' biex taħsibx li huma Maltin!.*
>
> *....*
>
> *Mara 2:.....Ħaddieħor kemm daħħal pagi u aħna ma daħħalnix. Konna niġu hawn iktar minn disa' snin nieħdu ħsieb mela inti li jridu huma jiġu jgħidilek.»*

F'silta oħra:

*«Mara 2 (Caterina Pace): .....jiena t-tletin elf f'idejk tajthom ma tajthomx f'idejn Gianni.*

*Mara (Antoinette Camilleri) :..Imma għidtlek għidtlek dawn fuq Gianni ma jistgħux jitniżżlu fuqi qed tifhem fuq Gianni tniżżlu u ma tniżżlux fuqi.*

*Mara 2: Allura*

*Mara: Tista' tmur tiċċekkja l-bank jien m'għandi xejn m'għandhiex fuqi hekk.*

*Mara 2: Mela mbagħad infittxu lil Gianni.»*

30. Kien hemm drabi oħra fejn Caterina Pace tinstema' titlob lura l-flus lill-konvenuta iżda mhux dejjem jissemma l-ammont preċiż, iżda s-siltiet fuq imsemmija huma ċari. L-ispjegazzjoni li tagħti l-istess konvenuta, li hija kien mingħaliha li Caterina Pace kienet qiegħda titkellem fuq tliet elef ewro u li hija kienet għaddejja bil-faċendi mhux kredibbli. Pace ssemmi s-somma ta' €30,000 aktar minn darba u hija weġbitha li l-flus kienu fuq Ġanni ċjoè l-konvenut. Marbut ma' dan, l-appellanti jsemmu li l-konvenuti wettqu żewġ depożiti sostanzjali fil-kontijiet bankarji tagħhom u dan huwa turija kemm il-konvenuta rċeviet il-flus mingħand Pace.

31. Din il-Qorti tqis li l-appellanti ma ressqu l-ebda prova dwar dawn id-depożiti fil-proċeduri tal-lum. Huwa minnu li fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tissemma x-xhieda tal-Ispettur Micallef (uffiċjal investigattiv fil-każ kontra l-konvenuti) li xehdet dwar żewġ depożiti fl-ammont ta' €41,000 li saru f'Ottubru, 2010 u f'April, 2011. Mis-sentenza jirriżulta li xehdet hekk:

> *«Mela dawn it-transazzjoni wara li erġajt iċċekkjajt mal-Bank ukoll, il-ħamsa u erbgħin elf (45,000) kienu nġibdu minn Antonia Camilleri u ġew iddepożitati fil-Valletta Money Fund. Wara li ġew iddepożitati fil-Valletta Malta Fund, fil-ħamsa u għoxrin ta' Ottubru, two thousand ten (25/10/2010), min-naħa ta' Antonia, fil-wieħed u għoxrin ta' Marzu (21/03) (għalhekk issa qegħdin fis-sena 2011) – għalqet dan il-Valletta Money Fund. Fil-fatt kienet ġabret is-somma ta' ħmistax-il elf (15,000) u sitta u għoxrin elf (26,000) ftit wara. Ġibdithom mill-kont tal-BOV u ddepożitathom bħala Bankers draft fil-kont tal-HSBC. Issa nista' nesibixxi wkoll l-iststement li ġie riprodott lili min-naħa tal-Bank of Valletta.* ***Li kien hemm f'dan l-istatement, hemm depożitu cash ta' tletin elf (30,000), illi dan sar min-naħa ta' Antonia Camilleri però sar cash. Imma dan m'għandnix minn fejn ġew il-flus****.»*

32. Biss però mbilli hemm dik ix-xhieda, b'daqshekk ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti tqis li dawn is-somom imsemmija mill-Ispettur qegħdin jirreferu għas-somma mertu tal-proċeduri tal-lum. L-aqwa prova kellha tkun il-kont jew kontijiet bankarji inkwistjoni, liema prova setgħet faċilment titressaq.

33. Iżda anke fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti tqis li fuq bilanċ ta' probabbiltajiet ġie ppruvat li Caterina Pace għaddiet din is-somma lill-konvenuta. Il-verżjoni tal-appellanti kienet li Pace kien mingħaliha li dawn il-flus kellhom jiġu depożitati l-Bank f'kont f'isimha. Il-mod ta' kif Camilleri wieġbet lil Pace u ċjoè li l-flus qegħdin imniżżlin fuq Ġanni jsaħħu din il-verżjoni. Fl-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti llimitaw ruħhom li jiċħdu li rċevew tali flus. Ladarba ġie ppruvat li Pace tat dawn il-flus lill-konvenuta u li l-ħsieb kien li dawn jiġu depożitati l-Bank f'isem Pace mela allura l-konvenuti għandhom iroddu lura din is-somma flimkien mal-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Awwissu, 2011 li ġiet

notifikata lil John Camilleri nhar l-20 ta' Awwissu, 2011 (ara paġna 20 tal-proċess).

34. L-Ewwel Qorti semmiet li ma setgħetx twarrab il-fatt li l-appellati ma nstabux ħatja fil-proċeduri penali. Din il-Qorti qieset dan ukoll, iżda tagħmel żewġ konsiderazzjonijiet. F'dawn il-proċeduri ġiet esibita traskrizzjoni oħra tal-konverżazzjoni rrekordjata li kienet tixħet aktar dawl b'mod ċar li ma kinitx quddiem il-Qrati kriminali. B'żieda ma' dan il-liberatorja kienet imsejsa aktar minn kollox fuq il-fatt li ma tressqitx prova f'liema żmien ingħataw dawn il-flus u dan billi din kienet prova meħtieġa biex tinsab reità billi l-imputazzjonijiet kienu jirreferu għal żmien partikolari.

35. Għaldaqstant dan l-aggravju se jintlaqa'.

36. Ngħaddu issa għat-**tieni aggravju**, li permezz tiegħu l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti applikat b'mod ħażin il-liġi u l-prinċipji legali dwar l-istitut tal-mandat u l-konklużjoni tagħha li l-konvenut għandu l-jedd iżomm din is-somma ta' €6,988.11 hija bbażata fuq numru ta' assunzjonijiet u asserzjonijiet ħżiena.

37. Illi bħala fatt mhux ikkontestat jirriżulta li l-iżbank tas-somma ta' €6,988.11 li sar fis-16 ta' Lulju, 2010 wara illi l-konvenut, bis-saħħa ta'

prokura, għalaq tliet kontijiet fissi ta' €2,329.37 kull wieħed qabel ma dawn il-kontijiet immaturaw. Dawn il-flus ġew trasferiti f'kont f'isem il-konvenuti. Mhux ikkontestat lanqas li din kienet l-unika darba li l-konvenut uża l-prokura.

38. L-appellanti jsostnu li l-iżbank tal-flus ma sarx għall-użu personali jew għall-ħtiġijiet tal-attriċi iżda biss fl-interess tal-mandatarju John Camilleri li ddepożita l-flus fil-kont tiegħu. Jgħidu li għalkemm fl-eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jgħidu li din is-somma tirrappreżenta ħlas u kumpens għas-serviġi reżi minnhom u kif ukoll b'kumpens għall-ispejjeż inkorsi minnhom f'isimha. Jgħidu li madankollu fil-kuntratt ta' donazzjoni li sar biss ftit ġranet qabel il-konvenut suppost li kien diġà ġie kkumpensat għas-serviġi kif hemm dikjarat fl-istess kuntratt. Jistaqsu għalhekk x'sens kien jagħmel li l-attriċi titneżża' wkoll mill-flus li għandha l-bank u tibqa' b'xejn fi xjuħitha. Iżidu li l-konvenuti ma ġabu ebda rċevuti sabiex jipprova li kien tabilħaqq għamel xi spejjeż għall-attriċi. Ukoll, l-istess Caterina Pace xehdet li meta l-konvenuti kienu joħdulha l-mediċini hija dejjem kienet tħallashom u dan ma ġiex ikkontestat mill-konvenuti.

39. L-appellanti jargumentaw li ma kien jagħmel l-ebda sens li l-kontijiet fissi ngħalqu qabel meta ma kinux għadhom laħqu d-data tal-egħluq bil-konsegwenza li ntilef l-imgħax. B'żieda ma' dan, jgħidu li ladarba l-kontijiet ingħalqu ma kienx se jkun hemm *statements* li

jintbagħtu u dan fis-sens għaliex tressqet il-prova li Pace kienet tirċievi l-*istatements* tal-bank f'darha stess.

40. Jgħidu wkoll li hija ħażina l-konklużjoni li ġibdet l-Ewwel Qorti mill-asserzjoni tagħha li l-attriċi stenniet sena sakemm b'ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju, 2011 hija infurmat lill-konvenut li l-prokura kienet qiegħda tiġi rtirata b'mod immedjat. Isostnu li għalkemm l-ittra uffiċjali ntbagħtet fi żmien sena mill-iżbank jirriżulta mill-provi li Pace bdiet titlob il-flus lill-konvenuti wara li marret il-bank wara l-mewt ta' oħtha Lisa u ndunat b'dan l-iżbank u dan kien fil-bidu tas-sena 2011. Tant kienet lmentat mal-konvenut dwar dan il-fatt li l-konvenut jgħid fl-aħħar paragrafu tal-affidavit tiegħu li kienet keċċietu u għamlitlu stanga biex ma jidħolx id-dar għandha qabel ma jġib lura l-flus. Wara kien hemm ukoll attentat mill-arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex jissolva kollox bil-kelma t-tajba kif jirriżulta mill-affidavit ta' Albert Philip Camilleri. Jiġi b'hekk li l-attriċi ħadet passi mill-ewwel.

41. Il-Qorti tqis illi l-mandat jew il-prokura, huwa regolat bl-**Artikoli 1856** sa **1890 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (**Artikolu 1856(1) tal-Kodiċi Ċivili**), u jista' jkun speċjali, jekk jingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinati, biss; jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha tal-mandat (**Artikolu 1862 tal-Kodiċi Ċivili**). Importanti huma l-prinċipji li jinstiltu mill-istitut tal-Mandat riflessi fil-provvedimenti tal-

**Artikoli 1864 u 1880 tal-Kodiċi Ċivili**. L-**Artikolu 1864** jipprovdi li: *«Il-mandatarju ma jista' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat.»* Filwaqt li l-**Artikolu 1880 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li: *«(1) Il-mandant għandu jeżegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setgħat li huwa jkun tah.* Is-subinċiż (2) jipprovdi li *«Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-għemil.»* L-**Artikolu 1864** jikkostitwixxi konferma tal-prinċipju ġenerali taħt l-obbligazzjonijiet li persuna għandha fl-eżekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, tuża d-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja, jiġifieri b'mod fidil mal-inkarigu lilha mogħti. Hekk ukoll, il-mandatarju ma jistax ikollu skop li jkun differenti minn dak lilu mogħti fil-mandat, jew li ma jikkonformax ruħu għall-volontà espressa mill-mandant tiegħu, jew li jmur lil hemm minn dak l-inkarigu mogħti lilu (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet ***Martin Grima et v. Victor Micallef et***).

42. F'dawn il-proċeduri, il-prokura li saret minn Pace favur John Camilleri ma ġietx esibita, iżda l-konvenut ma jikkontestax li din kienet teżisti. Li huwa żgur għalhekk hu li l-kuntratt ta' mandat b'rappreżentanza joħloq relazzjoni ta' fiduċja li toħloq drittijiet u obbligazzjonijiet bejn mandant u mandatarju. Bħal kull obbligazzjoni oħra, l-obbligazzjoni li kellu l-konvenut Cini bħala mandatarju kellu jwettaqha b'rieda tajba u fl-interess ta' ħadd ħlief tal-mandant tiegħu. (ara s-sentenza tal-Qorti tal-

Appell tal-31 ta' Ottubru, 2014 fl-ismijiet ***Michael Sultana nomine v. Rose Mercieca et***).

43. Din il-Qorti għalhekk jeħtieġilha tistħarreġ iċ-ċirkostanzi li fihom inġibdu l-flus mill-Bank. Tqis li fil-kuntratt ta' donazzjoni li sar fil-5 ta' Lulju, 2010, jingħad li Pace kienet qiegħda tagħti lill-konvenut sehemha minn bosta proprjetajiet tagħha (1/5) u għal kull proprjetà u għal kull sehem ġie speċifikat il-valur tagħhom. Ħarsa lejn dawn il-valuri (li din il-Qorti ma tistax tgħid kemm kienu veritieri) jingħad li kienu jiswew €34,000.

44. Il-ġbid tal-kontijiet fis-somma ta' €6,988.11 sar fis-16 ta' Lulju, 2010 u allura ftit jiem wara l-kuntratt li fih ġie dikjarat li d-donazzjoni kienet qiegħda ssir minħabba s-serviġi reżi mill-konvenuti u bħala turija ta' gratitudni.

45. Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ssibha diffiċli taċċetta li Caterina Pace qalet lil John Camilleri biex jagħlaq il-kontijiet u jitfagħhom fuq ismu, meta d-donazzjoni kienet saret biss ftit qabel. Mhux kontestat li l-konvenut għamel snin jorqod ma' zitu u jidher li kemm hu, kif ukoll martu ħadu ħsiebha, aktar min-neputijiet l-oħra. Biss però, dak dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni ma kienx xi ammont irriżorju lanqas.

46. Din il-Qorti hija konxja tal-fatt li l-konvenuti ma nstabux ħatja mill-

qrati kriminali. Ir-raġuni ewlenija għal-liberatorja kienet li l-anzjana kienet baqgħet tmur il-Bank u allura setgħet dejjem tivverifika x'kien qiegħed jiġri minn flusha u kienet tirċievi l-*istatements* bankarji fir-residenza tagħha. Biss però din il-Qorti tqis li dak li kienet qiegħda tistħarreġ il-qorti kriminali ċjoè l-miżapproprjazzjoni indebita huwa differenti minn dak li qiegħda tistħarreġ din il-Qorti u ċjoè l-abbuż tal-mandat. L-elementi meħtieġa biex fuq naħa tinstab reità u fuq ix-xaqliba l-oħra li tinstab l-abbuż ta' fiduċja huma differenti minn xulxin, u dan barra l-kwistjoni li l-grad tal-prova li jrid jintlaħaq fiż-żewġ kampijiet huwa differenti.

47. Għaldaqstant din il-Qorti temmen lil Caterina Pace meta tgħid li hija ma kinitx taf li kien se jsir dan il-ġbid tal-flus jew li saħansitra kienet idea tagħha.

48. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa siewi. Ladarba din il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-aggravju, abbażi tal-**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili** l-imgħax fuq din is-somma għandu jitlaq mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju, 2011 u ċjoè mill-21 ta' Lulju, 2011 (ara dahar paġna 27 tal-proċess).

49. Ngħaddu issa għat-**<u>tielet aggravju</u>** dwar iċ-ċaħda tal-Ewwel Qorti għat-talba tal-appellanti sabiex il-kuntratt ta' donazzjoni jiġi rexxiss.

50. L-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kellha ssib li l-kunsens tal-attriċi fuq il-kuntratt kien vizzjat b'qerq. Jgħidu li l-attriċi ġiet ingannata mill-konvenut illi ġiegħlha taħseb li se tagħmel testment meta fil-fatt sar kuntratt ta' donazzjoni. Apparti minn hekk, billi l-attriċi ma kinitx taf li qiegħda tagħti b'donazzjoni rrevokabbli l-proprjetà tagħha, inkluż sehemha fir-residenza tagħha stess, il-kunsens tal-attriċi huwa wkoll vizzjat bi żball. Jgħidu li hemm kawżali oħra separata, iżda relatata, imsejjsa fuq l-**Artikolu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili**.

51. L-appellanti jgħidu li jrid jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li l-attriċi kienet mara vulnerabbli, kemm għaliex kienet mdaħħla sew fiż-żmien, kif ukoll għaliex kienet tafda lin-neputijiet tagħha, inkluż il-konvenut u martu, b'għajnejha magħluqin.

52. Jissoktaw jikkritikaw lill-Ewwel Qorti fejn qieset lin-Nutar Mariella Mizzi bħala xhud newtrali, mingħajr interessi u ta' min joqgħod fuqha u din ix-xhieda ddeterminat is-sentenza. Huma jisħqu li n-Nutar Mizzi mhix xhud newtrali xejn u għandha interess personali u dirett fl-eżitu tal-kawża billi n-Nutar Jurgen Galea jaħdem fl-uffiċċju tagħha u hija għaddietlu x-xogħol, u dan anke kif irriżulta mill-proċeduri, illum *res iudicata,* li bdiet omm l-aħwa Camilleri. Jiġi b'hekk, li skonthom hija kellha interess issalva s-sitwazzjoni.

53. Barra minn hekk, jgħidu li jirriżulta mill-provi li fl-istess jum tad-donazzjoni, ftit sigħat biss qabel il-kuntratt, l-attriċi Caterina Pace ttieħdet għand il-Psikjatra Dottor Joseph Vella Baldacchino u l-kuntratt ta' donazzjoni għandu mehmuż miegħu ċertifikat tal-psikjatra li jġib l-istess data tal-kuntratt ta' donazzjoni. Madankollu ċ-ċertifikat psikjatriku l-kuntratt ta' donazzjoni ma jsemmih imkien, u dan billi ċ-ċertifikat jitratta l-kapaċità tal-attriċi li tagħmel testment. Jiġi b'hekk, li l-fatt li l-konvenut ma qal xejn lill-psikjatra magħżul mill-konvenut stess, li kien ser isir kuntratt ta' donazzjoni meta kellu l-pjanijiet ġa kollha lesti man-nutar sabiex issir donazzjoni fl-istess jum hija biss evidenza tar-rieda ħażina u tal-qerq li bih mexa l-konvenut fil-konfront ta' zitu. Jirreferu wkoll għan-nuqqas ta' konsistenza dwar dan il-punt fix-xhieda tal-konvenut, li ġie wkoll irrimarkat mill-Ewwel Qorti.

54. Jikkritikaw ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn jingħad li l-fatti tal-kawża 352/12/JZM u dik tal-lum huma differenti minn xulxin, u kif ukoll li warrbet il-fatt li n-Nutar Galea fix-xhieda tiegħu ma ftakar xejn dwar il-kuntratt innifsu. L-appellanti jsemmu kif fi klawżoli numru 2 tal-kuntratt ta' donazzjoni ġiet trasferita proprjetà *«bil-pussess immedjat, liberu u vakanti»* u dan meta hija kienet għadha toqgħod f'darha. Dan ifisser li n-Nutar ma fissirx il-kontenut tal-kuntratt. Iżidu li dan il-kuntratt huwa *cut and paste* tal-kuntratt ta' donazzjoni li permezz tiegħu l-konvenut ipprova japproprja ruħu mill-ġid ta' ommu.

55. L-appellanti jissoktaw jgħidu li meta wieħed iqis il-provi kollha mressqa minnhom, din il-Qorti għandha ssib li l-konvenut rraġġira lil Caterina Pace bl-imġiba tiegħu billi kkonvinċiha temmen li kienet sejra għand in-nutar sabiex tagħmel testment, meta fil-fatt iffirmat il-kuntratt ta' donazzjoni.

56. Mingħajr ħsara għal dak li ntqal qabel dwar il-kawżali tal-qerq, l-appellanti jsostnu li hemm ukoll provi biżżejjed sabiex il-kuntratt ta' donazzjoni jiġi rexxiss minħabba l-kawżali tal-iżball. L-attriċi qatt ma kellha intenzjoni li tagħmel donazzjoni u kien mingħaliha li qiegħda tagħmel testment, u għalhekk ma hemm ebda dubju li l-iżball huwa wieħed sostanzjali u li l-attriċi ma kinitx tagħmel il-kuntratt kieku fehmet verament x'qiegħda tagħmel.

57. Jgħidu wkoll li minn dak kollu li rriżulta, hemm raġunijiet validi u biżżejjed għalfejn il-kuntratt ta' donazzjoni kellu jiġi dikjarat null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi skont l-**Artikolu 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili** billi sar bi ksur tal-proċedura mniżżla fl-istess Att. Jirreferu għall-**Artikolu 40(1) tal-Att** li jelenka numru ta' ċirkostanzi fejn att nutarili huwa null, u fosthom fil-**paragrafu (e)** jgħid li att nutarili huwa null: *«jekk il-ħtiġiet tal-artikoli* ***25(2), (3), (4) u (5), 27, 28(l)(k) u 34*** *ma jkunux ġew imħarsa.»* Jgħidu li l-**Artikolu 25(5)** (qabel l-**Artikolu 25(4) tal-Att**) jgħid li huwa d-dmir tan-Nutar li jara x'inhi l-volontà

tal-komparenti, li jaqralhom u jfissrilhom l-att, u jara jekk il-kontenut tal-att hux skont il-volontà tagħhom. Barra minn hekk, is-**subinċiż tal-Artikolu 40(2)** jgħid li att nutarili huwa annullabbli, jekk in-nutar ma jkunx spjega l-att lill-komparenti.

58. L-appellanti jgħidu li fuq bilanċ ta' probabbilitajiet jirriżulta li l-kuntratt ma nqarax lill-attriċi. Jgħidu li l-inkarigu tan-Nutar ingħata mill-konvenuti u meta l-attriċi ttieħdet għand in-Nutar huwa evidenti li kien hemm ġa abbozz lest ittajpjat, u Pace kemm intalbet tiffirma. Jgħidu li mill-kuntratt li huwa esibit huwa ovvju li l-unika ħaġa li ma kinitx lesta ttajpjata kienet id-data tal-kuntratt.

59. Illi kwalunkwe kuntratt jew ftehim għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tas-sinċerità u tar-realtà. Min irid iwaqqa' din il-preżunzjoni jrid iġib il-prova konkludenti u persważiva tan-nuqqas minnu allegata. Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mod permess mil-liġi, anki permezz ta' xhieda; iżda dan il-prinċipju jiġi applikat b'rigur akbar meta jiġi impunjat att pubbliku, minħabba l-akbar fidi li tirriponi fih il-liġi. Għalhekk id-deduzzjonijiet kontra dak l-att għandhom ikunu speċifici u ċirkostanzjali, u l-preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkludenti (**Vol 27 p2 p 551 u Vol 37 p2 p 797**). Hemm bżonn, kif jgħid **Butera**, li jiġu mħarsa, *«la sicurezza e la stabilità delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e la realtà dell'altro contraente»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22

ta' Frar, 2024 fl-ismijiet ***Josephine Camilleri nomine et v. Yvonne Camilleri et;*** dik tas-7 ta' Diċembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Robert Zammit v. Constantino Abela et***; u ***Pauline Vella Moran et v. Concetta Abela***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Novembru, 2012).

60. L-oneru tal-prova huwa għalhekk fuq l-attriċi sabiex tegħleb tali preżunzjoni. Kif kellha okkażjoni tosserva din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***Gourmet Co Ltd et v. Mariano Vella***:

> *«Din il-Qorti m'hemmx għalfejn tenfasizza l-aspett legali illi l-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti kellu jiġi preżunt illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volontà kontrattwali tagħhom. Min, bħall-appellanti, jallega l-kontra u jaddući propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bażat fuq xi wieħed mill-elementi li l-liġi stess tindika bħala raġuni valida biex jiġi vizzjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduċi provi univoċi, konklużivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet ***Maria Francesca Stevens v. Caroline Gatt***).

61. Kif rajna, l-appellanti jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq vizzju tal-kunsens abbażi ta' qerq u żball. Minkejja dan, għalkemm kull waħda minnhom tista' tkun raġuni li ġġib vizzju fil-kunsens ta' parti f'kuntratt u t-tnejn jistgħu jitressqu bħala kawżali minn parti attriċi f'azzjoni waħda ta' annullament ta' kuntratt, minkejja li l-istħarriġ li jsir mill-Qorti jkun tabilfors minn ottika differenti. Dan jingħad għaliex:

> *«mentre nel caso dell'errore l'accertamento dev'essere condotto con riferimento alla condotta della parte che ne è vittima, verificando se il vizio abbia inciso sul processo formativo della sua volontà, dando origine a una falsa rappresentazione che l'ha indotta a concludere il contratto, nel caso*

*del dolo occorre accertare la condotta tenuta dal deceptor e le conseguenze da essa prodotte sul deceptus, verificando se la condotta commissiva od omissiva del primo abbia procurato la falsa rappresentazione della realtà che ha determinato il secondo alla contrattazione, inducendo nel processo formativo della sua volontà un errore avente carattere essenziale, ferma restando la possibilità per il deceptor di provare che la controparte era a conoscenza dei fatti addebitati alla sua condotta maliziosa o che avrebbe potuto conoscerli usando la normale diligenza" (Cass. 19.6.2008 Nru. 16663)»* (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2016 fl-ismijiet ***Mark Debono v. Mary Zastera et nomine***).

62. L-**Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li, *«L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.»* Is-**subartikolu (2)** tal-istess artikolu jgħid li l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat. Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq (Appell. Kummerċjali. 31 ta' Marzu, 1967 fil-kawża fl-ismijiet ***Reverendu Saċerdot Francesco Zammit et v. Avukat Dottor Anthony Farrugia et***) li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq (Prim'Awla 6 ta' Diċembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et v. Carmen Taliana***). Fuq kollox, *«l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non può essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosomiglianza (Cass. 8.5.1969 nru. 1570)»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Diċembru, 2023 fl-ismijiet ***Avukat Dottor Robert Zammit v. Constantino Abela et***).

63. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li l-għemil diżonest u l-iskemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu

lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal kuntratt ikunu mod, meta fil-fatt dawk l-elementi jew uħud minnhom ikunu mod ieħor (ara ***P.L. Joseph Zammit noe v. Joseph Fenech*** deċiża mill Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu, 2004). Fuq kollox, dak il-qerq irid ikun ta' tali gravità u serjetà, li kieku ma jkunx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim (ara ***Rita Camilleri et v. Marco Gaffarena et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017). Jekk imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebaħ bih bid-dehen ordinarju tagħha (ara ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru, 2009, ***Monique Troisi et v. Kristino Abela et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Joseph Mary Cutajar et v. S.C & Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

64. Illi għal dak li huwa kunsens vizzjat bi żball, L-***Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili*** jipprovdi:- *«(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza infisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim»*. Il-liġi tagħraf żewġ aspetti ta' żball li jistgħu jivvizzjaw il-kunsens ta' parti f'kuntratt: l-iżball tal-fatt u l-iżball tal-liġi. Fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-attriċi tistrieħ fuq tal-ewwel u mhux fuq l-iżball tal-liġi. Madankollu, biex żball ta' fatt iġib in-nullità tal-kuntratt, irid ikun wieħed li jaqa' fuq is-sustanza nnfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim (**Artikolu**

**974 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili**). Minbarra dan, huwa paċifiku illi biex ikun hemm il-vizzju tal-kunsens ta' parti f'kuntratt, jeħtieġ li jintwera minn min jallega l-vizzju, li l-iżball ta' fatt kien wieħed sostanzjali, skużabbli u determinanti għas-sehem ta' dik il-parti biex ressqet għall-kuntratt. Żball ikun sostanzjali meta jaqa' kemm fuq l-oġġett innifsu tal-ftehim u kif ukoll fuq xi kwalità essenzjali tiegħu, u dan jitqies bil-kejl (suġġettiv) li bih il-parti mqarrqa kienet tqis l-istess oġġett tal-kuntratt (Appell Ċivili deċiż fl-20 ta' Ottubru 1961 fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Cachia v. Dr. Frank Vassallo***). Żball ma jkunx skużabbli jekk bi ftit għaqal u mingħajr ħafna taħbit, jista' jiġi verifikat. Huwa meħtieġ ukoll f'dan il-każ ta' vizzju tal-kunsens, illi l-iżball jintrabat maċ-ċirkostanzi u mal-fatti li kienu fis-seħħ fil-ħin li jingħata l-kunsens u mhux ma' dawk li setgħu rriżultaw wara. Fil-fatt, kunsens ma jistax jitqies li huwa vizzjat minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi li jiġru wara li jkun ingħata. Huwa relevanti fir-rigward dak ċitat minn din il-Qorti fis-sentenza ***Frank Frendo et v. Joseph Vella et*** deċiża 3 ta' Marzu 2011, fejn ċitat minn ***Giorgio Giorgi*** : ***Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano*** 7ma. ed. vol. VIII para. 146 pag. 246:

> *«Dwar dan l-awtur hawn fuq ċitat jispjega illi: "Intendesi per errore la mancanza di conformità fra le idee della mente e l'ordine reale delle cose… Quando il legislatore si accinge a dettare le norme, secondo cui l'errore può esser causa di rescindere un contratto, gli fa mestieri avere innanzi agli occhi due postulate fondamentali. Cioè a dire: (i) che l'errore può invalidare ragionevolmente il consenso, purchè costituisca il motivo determinante del contratto, per modo che il contraente non avrebbe concluso l'accordo, se avesse conosciuta la verità; (ii) che sebbene in cosifatta ipotesi l'errore meriti riparazione, deve aversi pure benigno riguardo alle condizioni dell'altro contraente; il quale affatto ignaro dell'altrui errore vede a suo danno e senza colpa sua, svanire un credito o un diritto qualsiasi, su cui aveva fatto legittimo assegnamento»* (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet ***Pauline***

***Vella Moran et v. Concetta Abela***).

65. Fl-aħħar nett, jiġi osservat li biex ftehim jiġi invalidat, l-iżball irid ikun sostanzjali u skużabbli. Anke meta jkun hemm żball riżultat ta' qerq, huwa dejjem meħtieġ li l-istess żball ikun skużabbli. Ma huwiex żball skużabbli dak li wieħed jaqa' fih meta l-fatti li għalihom jirreferixxi dak l-iżball kien faċilment aċċertabbli (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ġunju, 2021 fl-ismijiet ***Carmel Charles Borg v. APS Bank Limited et***).

66. Din il-Qorti tqis li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda li raġonevolment setgħet tasal għaliha. Minkejja l-kritika ħarxa u insinwazzjonijiet li l-appellanti jagħmlu fil-konfront tan-Nutar Mariella Mizzi din il-Qorti ma taqbilx magħhom. Fuq kollox, kellha raġun l-Ewwel Qorti tgħid li din il-kawża u l-kawża magħmula minn omm l-aħwa Camilleri huma differenti. Ibda biex għalkemm hemm ċertu xebħ għal dak li hu ċertifikat psikjatriku, u ġbid tal-flus b'abbuż tal-prokura, u huma jgħidu l-kontenut tal-kuntratt (il-kuntratt ta' donazzjoni ta' Josephine Camilleri mhux fl-atti), iżda hemm differenza sostanzjali ċjoè d-donatriċi.

67. Minn dak li rriżulta mill-provi, minn kif xehdet u anke mir-*recordings* stess, Caterina Pace ma kinitx xi mara li kulħadd jagħmel biha li jrid. Verament kienet imdaħħla fiż-żmien sew, iżda min-naħa l-oħra għalkemm kien hemm il-konvenut li kien imur jorqod magħha ma jirriżultax li kienet f'xi qiegħ ta' sodda u għalhekk dipendenti għalkollox fuq ħaddieħor.

Naturalment din il-Qorti tifhem li l-anzjanità fiha nnifisha tagħmel lill-bniedem vulnerabbli aktar iżda kull każ irid jitqies għalih.

68. Huwa proprju għalhekk li meħud inkonsiderazzjoni li l-konvenuti kienu l-aktar li qegħdin jieħdu ħsiebha, bil-konvenut jorqod magħha u b'hekk 'il bogħod minn familtu, u b'żieda ma' dan bl-inkwiet mar-raġel tan-neputija, din il-Qorti ma tieħu xejn bi kbir li riedet tikkumpensa lill-konvenut. Huwa proprju għalhekk li x-xhieda tan-Nutar Mizzi għandha tingħata aktar kredibbiltà. Meta Caterina Pace bdiet tiġi ppressata min-neputijiet l-oħra ddejqet tgħidilhom x'kienet għamlet. Dan qalitu b'mod ċar lin-Nutar meta kien neputi ieħor li ħadha għand in-Nutar. Jiġi b'hekk li hija kienet taf x'għamlet meta ffirmat. Kienet konxja li sehemha mill-proprjetà kienet qiegħda tgħaddih b'donazzjoni. Tant kienet taf li hekk kif jissottomettu l-appellati ma tniffsitx meta mar il-Perit tal-Gvern fir-residenza tagħha minħabba l-valutazzjoni mogħtija tal-proprjetà.

69. Huwa minnu li forsi wieħed jista' jitħasseb bil-fatt li l-konvenut ma qalx lill-Psikjatra Dr Vella Baldacchino li kien se jsir kuntratt ta' donazzjoni u mhux testment. Għal dak li hija l-kapaċità tal-attriċi li tidħol għall-kuntratt ta' donazzjoni m'hemmx dubju li kienet kapaċi. Kemm hu hekk, anke fiż-żmien li kienet se tibda l-proċeduri (nhar l-4 ta' Awwissu, 2011 – ara ċertifikat f'paġna 22 tal-proċess) l-Psikjatra Dr Anthony Dimech iċċertifika li *«In essence Ms Caterina Pace is a well preserved lady in her late 80s.*

*She is fully capable of instituting a legal claim and of affecting judicial acts.»* Jidher ovvju wkoll anke mit-traskrizzjoni tax-xhieda li tat f'dawn il-proċeduri li Caterina Pace kienet f'sensiha sew. L-argument li n-nuqqas tal-konvenut li jgħarraf lil Dr Vella Baldacchino dwar id-donazzjoni juri l-qerq għaliex kieku l-psikjatra kien ifissrilha l-konsegwenzi filwaqt li mhux ta' min jarmih, iżda tqis li fil-każ tagħna Pace kienet taf x'se tagħmel. Li ġara huwa li wara ddispjaċiha li għamlet hekk u ppruvat tiggranfa ma' kull possibbiltà.

70. Mill-provi mressqa din il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat li l-konvenuti wettqu xi raġġiri fil-konfront tal-attriċi. L-attriċi twasslet mill-konvenuta u tħalliet waħedha fl-uffiċċju man-Nutar. Lanqas irriżulta li hija ma kinitx taf li kienet qiegħda tagħmel kuntratt ta' donazzjoni.

71. L-appellanti jirreferu għall-ksur tal-**Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili**. Il-Qorti rat l-artikoli msemmija li wħud minnhom jirreferu għal testmenti pubbliċi u b'hekk żgur ma japplikawx. Fi kwalunkwe każ, filwaqt li huwa minnu li x'aktarx l-abbozz kien diġà ttajpjat lest qabel ma d-donatriċi marret l-uffiċċju dan ma fih innifsu ma jġib ebda nullità tal-att. Il-konvenut ma ħebiex il-fatt li huwa għamel l-appuntament man-Nutar u ċertament kien jaf zitu x'se ttih. Barra minn hekk, ladarba din il-Qorti sabet li Caterina Pace kienet taf x'inhi tagħmel żgur ma jistax ikun ta' fejda l-argument li n-Nutar messu ra x'kienet l-volontà ta' Pace.

Fuq kollox, ħadd mill-appellanti ma kien preżenti waqt li kien qiegħed jiġi redatt il-kuntratt u lanqas il-konvenuti.

72. Għaldaqstant dan l-aggravju se jiġi miċħud.

73. Ngħaddu issa għall-**aħħar aggravju**, li permezz tiegħu l-appellanti jgħidu li s-sentenza appellata tidher influwenzata wkoll mill-eżitu tas-sentenza kriminali fejn il-konvenuti ma nstabux ħatja ta' miżappropriazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Huma taw sensiela ta' raġunijiet għala fil-fehma tagħhom l-eżitu tal-kawża kriminali ma għandhiex ikollha effett fuq il-kawża.

74. Illi kif inhuwa magħruf ukoll, il-grad ta' prova mistenni f'kawża ċivili huwa differenti minn dak mistenni f'kawża kriminali (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino nomine et***, Appell Ċivili tal-25 ta' Frar 1952). Kemm hu hekk, filwaqt li fil-każ kriminali l-grad tal-prova huwa dak tat-tneħħija ta' kull dubju raġonevoli, fil-każ ċivili l-grad tal-prova huwa dak biss tal-probabbiltà (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et***). Madankollu hekk kif ġie mtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet ***Audrey Rose Borg et v. Daniel Sciberras***: *«Huwa minnu li l-*

*proċediment kriminali u dak ċivili jimxu għal rashom, iżda huwa wkoll miżmum li l-Qrati ċivili jistgħu iqisu provi jew indizji li jinkisbu matul proċediment kriminali biex jaslu għad-determinazzjoni ta' fatti fuq bażi tajba ta' prova fil-grad mistenni fi proċediment bħal dan.»* Tajjeb li jiġi mfakkar li għalkemm fil-proċeduri ċivili, il-grad ta' prova meħtieġa mhix waħda lil hemm mid-dubju raġonevoli, daqs dak mistenni fil-proċeduri kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel il-ġudizzju. Wara kollox, f'kawża ċivili biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant u għalhekk mhux biżżejjed li jkun hemm biss il-possibbiltà ta' kif seħħew il-ġrajjiet (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Ġunju, 2024 fl-ismijiet ***Emanuel Farrugia et v. Mario Magri***).

75. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. Ma taqbel xejn mal-appellanti li l-Ewwel Qorti m'għarblitx sew il-provi li kellha fl-atti u qagħdet biss fuq il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Jirriżulta minflok li l-Ewwel Qorti rreferiet għall-fatti tal-każ hekk kif irriżultaw lilha. Ma kien hemm xejn legalment xi jwaqqafha milli tirreferi wkoll għad-deċiżjonijiet fil-kamp penali.

76. L-istess għamlet din il-Qorti. Tajjeb li jiġi mfakkar ukoll it-tagħlim ta' dawn il-Qrati kif imfisser fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Camilleri v. Gejtu Cassar*** deċiża fl-1 ta' Dicembru, 1955, fejn ingħad li l-prinċipju sanċit fl-**Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali**, jiġifieri tal-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili għandhom isiru *ex integro* quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke *ex integro* quddiem il-Qorti Kriminali; però xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, għall-fini ta' attendibilità tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal ġustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament għar-regola relattiva għall-provi, tista' tiġi prodotta f'kawza ċivili, li tkun għadha pendenti, kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan b'riħet l-**Artikolu 627(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. F'dan is-sens hi l-ġurisprudenza tagħna (**Vol. VI P I p 143 u Vol. XXVII P I p 617**). Naturalment il-ġudizzju f'sede penali jikkostitwixxi biss waħda mill-provi, però hi prova importanti anke għaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi loġikament relevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet (**Artikolu 558 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Billi però l-livell ta' prova fil-Qrati ċivili huwa fuq bilanċ ta' probabilitajiet dan il-grad jista' jintlaħaq aktar faċilment milli quddiem il-Qrati kriminali.

77. Għaldaqstant dan l-aggravju se jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti **tilqa' f'parti minnu** l-appell tal-atturi u għaldaqstant tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' s-sitta u s-seba' talbiet attriċi, filwaqt li tiċħad is-sitta, is-seba', it-tmien u f'parti minnha d-disa' eċċezzjoni tal-konvenuti u għaldaqstant tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-appellanti l-ammont sħiħ ta' sitta u tletin elf, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€36,988.11). Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-imgħax fuq is-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€6,988.11) għandu jitlaq mill-21 ta' Lulju, 2011 sal-ħlas effettiv, filwaqt li l-imgħax fuq l-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) għandu jitlaq mill-20 ta' Awwissu, 2011 sal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb